MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Numru 1319/2009

**Il-Pulizija**
**Sp James Grech**
**vs**
**Simone Azzopardi**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Simone Azzopardi ta' 42 sena bitn Dionisio u Lorenza nee' Marmara mwielda Pieta fl-20 ta' Frar 1967 residenti Block 6 Flat 2 Triq il-Fosos Floriana, ID 122567 (M).**

**Akkuzata talli bejn id-29 ta' Jannar 2008 u is-16 ta' Dicembru 2009 f'dawn il-Gzejer**

**1. appropjat ruhha billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor u cioe ta' Claudina Cauchi ID 9460 M li giet fdata lilha jew**

**kkunsinnata lilha that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat**
**2. u iktar talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijeit foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew xi krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta' Claudina Cauchi ID 9460 (M).**
**3. u iktar talli bi hsara ta' Claudina Gauchi ID 9460 (M), ghamlet qliegh iehor b'qerq, liema ammont ta' hsara huwa iktar minn 232.94 Euro izda mhux iktar minn 2329.37 Euro.**

**U iktar talli bejn is-16 ta' Dicembru 2009 u is-17 ta' Dicembru 2009 b'diversi atti maghmulin minnha, anke jekk fi zminijiet differenti, li jiskru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda**

**4. bil-hsieb li taghmel hsara lil Maria Friggieri ID 490748 (MO kif wkoll lil Susan Friggieri ID 274971 (M) akkuzat lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li keient taf li dawn il-persuni huma innocenti**
**5. u iktar talli b'qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem bi prova kontra Maria Friggieri u Susan Friggieri bi hsieb li b'hekk dawn il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat.**
**6. u iktar talli ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracxci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputata sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputata liema ammissjoni hija kkonfermat wara li nghatat hin xieraq biex tahsibha. Ghal daqstant dawn is-sitt imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293, 308, 309, 310 (1)(b), 101, 110 (i), 110 (ii), 17B u 28A tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha. Stante l-ammissjoni bikrija taghha, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata ghal 14-il xahar prigunerija li ghandhom jibqghu sospizi ghal 3 snin millum. Ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9 fi zmien sitt xhur millum l-imputata ghandha tirrifondi l-valur tad-deheb li huwa 419 Euro lil Claudine Cauchi ID 9460 (M).**

**L-Ispettur ghandu jaghti kopja ta' din is-sentenza lil Claudine Cauchi ID 9460 (M)**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------